KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fit-30 ta' Jannar 2025[1]

Kawża C-529/23 P

Il-Parlament Ewropew
vs

TC

"Liġi li tirregola l-istituzzjonijiet – Regoli li jirregolaw l-ispejjeż u l-allowances għall-Membri Parlamentari – Allowance għall-assistenza parlamentari – Irkupru ta' somom imħallsa indebitament – Artikolu 41(2) tal-Karta – Dritt għal smigħ – Dritt ta' aċċess għall-fajl – Protezzjoni ta' data personali – Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1725 – Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal"

I. Introduzzjoni

1. Dawn il-konklużjonijiet jikkonċernaw appell ippreżentat mill-Parlament Ewropew sabiex tiġi annullata s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, TC vs Il-Parlament (T-309/21, EU:T:2023:315) (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"). Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew li ordnat l-irkupru ta' dejn dovut minn wieħed mill-Membri tagħha għal somma mħallsa indebitament fil-forma ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari. Il-Qorti Ġenerali annullat ukoll in-nota ta' debitu maħruġa b'rabta ma' din id-deċiżjoni.

2. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddikjarat li, fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru, meta Membru Parlamentari jitlob l-iżvelar ta' informazzjoni li tidher li hija rilevanti sabiex jiġi ppruvat li assistent parlamentari akkreditat ħadem b'rabta mal-mandat tiegħu, il-Parlament ma jistax jirrifjuta li jipprovdi l-informazzjoni mitluba sakemm ma jinvokax raġunijiet li jistgħu jitqiesu bħala ġġustifikati. Abbażi ta' din il-premessa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Parlament kien irrifjuta b'mod żbaljat li jiżvela diversi kategoriji ta' dokumenti lill-Membru kkonċernat mill-kawża fl-ewwel istanza, li, fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, kien ifisser li ma jistax jiġi eskluż li dan il-Membru kien ġie mċaħħad minn opportunità sabiex jiddefendi lilu nnifsu aħjar.

3. Fl-appell tiegħu, il-Parlament isostni bħala argument prinċipali li s-sentenza appellata ma hijiex eżegwibbli skont l-Artikolu 266 TFUE, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesgħa tad-dritt għal smigħ fil-proċeduri ta' rkupru kif rikonoxxut mill-Qorti Ġenerali. Il-Parlament isostni li din is-sentenza tikser il-prinċipju tal-mandat liberu tal-Membri Parlamentari u tinverti l-oneru tal-prova li, skont ġurisprudenza stabbilita, jaqa' fuq dawn il-membri meta jiġu mitluba juru li

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

l-ispejjeż sostnuti minn assistenti parlamentari tħallsu kif suppost. Il-Parlament isostni wkoll li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin dispożizzjonijiet oħra rilevanti għall-attivitajiet parlamentari, bħar-Regolament 2018/1725 [2] u r-Regolamenti tal-Persunal [3].

4. Din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar il-portata tad-dritt għal smigħ u tad-dritt ta' aċċess għall-fajl, stabbiliti fl-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li, kif intqal ripetutament fil-ġurisprudenza, huma l-korollarju tad-drittijiet tad-difiża fil-proċeduri quddiem l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja se jkollha tiddetermina, l-ewwel u qabel kollox, jekk il-kriterju ġuridiku definit mill-Qorti Ġenerali sabiex tevalwa l-osservanza – jew il-ksur – ta' dawn id-drittijiet f'kawża bħal dik fl-ewwel istanza huwiex legalment sod, primarjament fid-dawl tal-prinċipju tal-oneru tal-prova li huwa applikabbli għall-proċeduri ta' rkupru. Din il-kawża tippermetti wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kinux raġunijiet validi għal rifjut ta' aċċess għal informazzjoni mitluba minn Membru Parlamentari.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali

5. L-Artikolu 6(1) tal-Att Elettorali [4] jipprovdi li:

"Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jivvutaw fuq bażi individwali u personali. Huma ma għandhom ikunu marbuta bl-ebda struzzjoni u ma għandhomx jirċievu mandat vinkolanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B. L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew

6. L-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew [5] jipprovdi:

"1. Il-Membri għandhom ikunu ħielsa u indipendenti.

[…]"

[2] Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 2018/1725").

[3] Regolament Nru 31 (KEE), 11 (EAEC), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-persunal tal-uffiċjali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 1962 45, p. 1385), kif emendat (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").

[4] Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (ĠU 1976, L 278, p. 5), anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU 1976, L 278, p. 1), kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom tal-25 ta' Ġunju 2002 u tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 137) (iktar 'il quddiem l-"Att Elettorali").

[5] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-istatut għall-membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2005, L 262, p. 1) (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew").

7. L-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew jipprovdi:

“Dokumenti u rekords elettroniċi li Membru jkun irċieva, ħejja jew bagħat m’għandhomx jitqiesu bħala dokumenti tal-Parlament, ħlief jekk jiġu ppreżentati skond ir-Regoli ta’ Proċedura”.

8. L-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew jipprovdi:

“(1) Il-Membri għandhom ikollhom jedd għal assistenza minn staff personali li huma jistgħu jagħżlu liberament.

(2) Il-Parlament għandu jħallas l-ispejjeż li l-Membri tabilħaqq jidħlu fihom għall-impjieg ta’ dan l-istaff personali.

(3) Il-Parlament għandu jistabilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta’ dan id-dritt”.

C. Miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut

9. L-Artikolu 33 tal-miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut[6], intitolat “Il-ħlas ta’ spejjeż għall-assistenza parlamentari”, jipprovdi:

“1. Il-Membri huma intitolati għal assistenza minn staff personali li jagħżlu huma stess. Il-Parlament għandu jħallas l-ispejjeż li fil-fatt isiru u dawk li jirriżultaw direttament u esklussivament mill-impjegar ta’ assistent wieħed jew aktar jew mill-użu ta’ forniturі ta’ servizz skont dawn il-miżuri ta’ implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet stipulati mill-Bureau.

2. Jistgħu jitħallsu biss l-ispejjeż għal assistenza li jirrigwardaw b’mod neċessarju u dirett it-twettiq tal-mandat parlamentari tal-Membru. Taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jitħallsu spejjeż marbuta mal-ħajja privata tal-Membru”.

10. L-Artikolu 68 tal-miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut, intitolat “Irkupru ta’ ħlasijiet indebiti”, jipprovdi:

“1. Kwalunkwe somma li titħallas b’mod indebitu skont dawn il-miżuri ta’ implimentazzjoni għandha tiġi rkuprata. Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħti istruzzjonijiet bil-għan li jiġu rkuprati dawn l-ammonti mill-Membru kkonċernat.

2. Kull deċiżjoni dwar l-irkupru ta’ ħlasijiet indebiti għandha tkun konsistenti mar-rekwiżit li l-Membri għandu jkollhom id-dritt li jwettqu l-mandat tagħhom b’mod effettiv u bit-tħaddim tajjeb tal-Parlament. Qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni, is-Segretarju Ġenerali għandu jisma’ lill-Membru kkonċernat.

[…]”

[6] Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Mejju u tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2009 C 159, p. 1), kif emendata (iktar ’il quddiem il-“miżuri ta’ implimentazzjoni tal-Istatut”).

D. Regolament 2018/1725

11. Il-premessa 22 tar-Regolament 2018/1725 taqra kif ġej:

"Sabiex l-ipproċessar ikun legali, jenħtieġ li d-data personali tiġi pproċessata fuq il-bażi tan-neċessità għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni jew fl-eżerċitar tal-awtorità uffiċjali tagħhom, il-ħtieġa għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur jew xi bażi leġittima oħra skont dan ir-Regolament, inkluż il-kunsens tas-suġġett tad-data kkonċernat, in-neċessità għat-twettiq ta' kuntratt li għalih huwa parti s-suġġett tad-data jew sabiex jittieħdu passi fuq it-talba tas-suġġett tad-data qabel id-dħul f'kuntratt. L-ipproċessar ta' data personali għat-twettiq ta' kompiti mwettqin fl-interess pubbliku mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni jinkludi l-ipproċessar ta' data personali neċessarja għall-ġestjoni u għall-funzjonament ta' dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi. […]"

12. L-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/1725, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Id-*data* personali għandha:

[…]

(c) tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata ('minimizzazzjoni tad-*data*');

[…]

(e) tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal żmien mhux itwal milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-*data* personali tiġi pproċessata; id-*data* personali tista' tinħażen għal perjodi itwal dment li d-*data* personali tiġi pproċessata biss għall-finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, għall-finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għall-finijiet ta' statistika f'konformità mal-Artikolu 13 soġġett għall-implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa rikjesti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* ('limitazzjoni tal-ħżin');

[…]"

13. L-Artikolu 9 tar-Regolament 2018/1725, intitolat "It-trażmissjonijiet ta' data personali lir-riċevituri stabbiliti fl-Unjoni għajr l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni", jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4 sa 6 u 10, id-data personali għandha tiġi trażmessa biss lir-riċevituri stabbiliti fl-Unjoni għajr l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jekk:

(a) ir-riċevitur jistabbilixxi li d-*data* hija neċessarja għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lir-riċevitur; jew

(b) ir-riċevitur jistabbilixxi li huwa neċessarju li d-*data* tiġi trażmessa għal fini speċifiku fl-interess pubbliku u l-kontrollur, meta jkun hemm kwalunkwe raġuni biex wieħed jassumi li l-interessi leġittimi tas-suġġett tat-*data* jistgħu jiġu ppreġudikati, jistabbilixxi li huwa proporzjonat li tiġi trażmessa d-*data* personali għal dak il-fini speċifiku, wara li jkun qies b'mod dimostrabbli d-diversi interessi li jkunu f'kunflitt.

2. Meta l-kontrollur iniedi t-trażmissjoni skont dan l-Artikolu, huwa għandu juri li t-trażmissjoni ta' *data* personali hija neċessarja u proporzjonata għall-finijiet tat-trażmissjoni, billi japplika l-kriterji stabbiliti fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1.

3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jirrikonċiljaw d-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mad-dritt tal-aċċess għal dokumenti f'konformità mal-liġi tal-Unjoni".

E. Ir-Regolamenti tal-Persunal

14. L-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Il-fajl personali ta' uffiċjal għandu jkun fih:

(a) id-dokumenti kollha dwar l-istat amministrattiv tiegħu u r-rapporti kollha relatati ma' l-abilita, l-effiċjenza u l-kondotta tiegħu;

(b) kull kumment mill-uffiċjal dwar it-tali dokumenti.

[…]

Għandu jkun hemm fajl personali wieħed biss għal kull uffiċjal.

Uffiċal għandu jkollu d-dritt, anke wara li jħalli s-servizz, li jiffamiljarizza ruħu mad-dokumenti kollha fil-fajl tiegħu u jagħmel kopji tagħhom. […]

[…]

Il-fajl personali għandu jkun kunfidenzali u jista' jkun ikkonsultat biss fl-uffiċċji ta' l-amministrazzjoni jew fuq medja elettronika żgura. Madankollu, dan ikun mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jekk titressaq kawża li tirrigwarda lill-uffiċjal".

III. Fatti u proċedura

A. Sfond għat-tilwima

15. L-isfond tal-kawża huwa deskritt fil-punti 2 sa 26 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, dan l-isfond jista' jiġi mqassar kif ġej.

16. Fit-22 ta' Mejju 2015, il-Parlament ikkonkluda kuntratt ma' A bħala assistent parlamentari akkreditat full-time fi Brussell (il-Belġju) sabiex jassisti lil TC, Membru ta' din l-istituzzjoni[7].

[7] Imsejjaħ ukoll f'dawn il-konklużjonijiet bħala r-"rikorrent fl-ewwel istanza".

17. Fil-25 ta' Frar 2016, TC talab lill-Parlament sabiex ixolji l-kuntratt ta' A għal raġunijiet diversi li jimplikaw it-telf ta' fiduċja, fosthom assenzi mingħajr raġuni valida u n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet sabiex jiġu eżerċitati attivitajiet esterni.

18. Wara li l-proċedura ta' konċiljazzjoni falliet, fl-24 ta' Ġunju 2016, il-Parlament innotifika lil A bid-deċiżjoni tiegħu li jtemm il-kuntratt ta' assistenza parlamentari minħabba terminazzjoni tar-rabta ta' fiduċja billi huwa ma baqax josserva r-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet sabiex jiġu eżerċitati attivitajiet esterni.

19. Fl-14 ta' April 2017, A ippreżenta rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2016 quddiem il-Qorti Ġenerali.

20. Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Marzu 2019, L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Parlament tal-24 ta' Ġunju 2016. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mill-materjal fil-fajl jirriżulta li mhux biss TC kien jaf bl-attivitajiet esterni ta' A, iżda li, barra minn hekk, kien responsabbli direttament għalihom[8]. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-raġuni pprovduta mill-Parlament sabiex jiġġustifika d-deċiżjoni ta' xoljiment tal-kuntratt, jiġifieri t-terminazzjoni tar-rabta ta' fiduċja, ma dehritx plawżibbli. Fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, il-Parlament kien għalhekk wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta laqa' t-talba ta' TC għax-xoljiment tal-kuntratt ta' A għal din ir-raġuni. TC ma kienx parti f'dik il-kawża.

21. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Ġunju 2020, miktuba bl-Ingliż u mibgħuta permezz ta' posta elettronika tat-30 ta' Lulju 2020, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament informa lil TC bil-ftuħ ta' proċedura ta' rkupru ta' somom imħallsa indebitament, skont l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut, għall-ammont totali ta' EUR 78 838.21 fir-rigward tal-assistenza parlamentari pprovduta minn A lil TC.

22. Permezz tal-istess ittra, TC ġie mistieden, skont l-Artikolu 68(2) tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut, jippreżenta, fi żmien xahrejn, osservazzjonijiet u provi sabiex jirribatti l-konstatazzjonijiet preliminari tal-Parlament dwar l-attivitajiet esterni li A kien wettaq bl-għarfien ta' TC u taħt id-direzzjoni tiegħu mit-22 ta' Mejju 2015 sat-22 ta' Novembru 2016 u sabiex jipprova li, matul dak l-istess perijodu, A kien effettivament wettaq id-dmirijiet ta' assistent parlamentari akkreditat.

23. Fl-4 ta' Awwissu 2020, TC talab lill-Parlament sabiex jipprovdilu dan li ġej:

– Il-fajl personali ta' A fil-Parlament (id-dokumenti kollha relatati mar-reklutaġġ u x-xogħol tiegħu), inkluż informazzjoni dwar in-numru ta' drabi li l-protezzjoni tal-Parlament kienet intalbet fir-rigward ta' A u data relatata mal-preżenza ta' A (data mill-karta tiegħu ta' aċċess għall-Parlament);

– kopji tal-korrispondenza li huwa kien skambja mar-rappreżentanti tal-Parlament dwar ix-xogħol ta' A;

– il-proċess sħiħ tal-kawża li tat lok għas-sentenza fil-Kawża L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140).

[8] Ara, b'mod partikolari, L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140, punt 35).

24. Fl-4 ta' Settembru 2020, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament bagħat ittra lil TC, miktuba bil-Litwan u datata t-3 ta' Settembru 2020, sostanzjalment bl-istess kontenut bħall-ittra tat-8 ta' Ġunju 2020, li sar riferiment għaliha fil-punt 21 iktar 'il fuq. Mal-ittra tat-3 ta' Settembru 2020 kien hemm kopja tas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140) u spjegazzjoni tas-somom imħallsa mill-Parlament lil A.

25. Fit-22 ta' Settembru 2020, TC fakkar lill-Parlament fit-talba msemmija fil-punt 23 iktar 'il fuq u talab il-minuti tal-proċedura ta' konċiljazzjoni bejnu u bejn A bil-Litwan, kif ukoll kopja tal-"posta elettronika kollha mill-2015, 2016 u 2019".

26. Fis-27 ta' Ottubru 2020, il-Parlament bagħat lil TC diversi dokumenti dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' A.

27. Fid-29 ta' Ottubru 2020, TC bagħat lill-Parlament l-osservazzjonijiet preliminari tiegħu u numru ta' dokumenti, filwaqt li nnota li kien għadu ma rċeviex mingħand il-Parlament id-dokumenti u l-informazzjoni dettaljata dwar il-perijodu ta' impjieg ta' A u li kien għadu ma setax jeżamina l-informazzjoni limitata li kienet ġiet ipprovduta lilu permezz tal-posta elettronika tas-27 ta' Ottubru 2020. Huwa għalhekk talab li jitħalla jissottometti iktar informazzjoni u evidenza fi stadju ulterjuri.

28. Fl-20 ta' Novembru 2020, TC reġa' talab lill-Parlament l-informazzjoni li kien talab fl-4 ta' Awwissu u fit-22 ta' Settembru 2020, b'mod partikolari data relatata mal-aċċess ta' A għall-Parlament u kopji tal-posta elettronika tal-2015, 2016 u 2019.

29. Fl-24 ta' Novembru 2020, TC bagħat lill-Parlament iktar osservazzjonijiet u evidenza minbarra dak li kien diġà ssottometta fid-29 ta' Ottubru 2020.

30. Fis-27 ta' Novembru 2020, id-Direttur Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament informa lil TC li t-terminu għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet u l-evidenza tiegħu fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru skont l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut kien skada fl-4 ta' Novembru 2020, iżda li, jekk xtaq jikseb informazzjoni dwar A, seta' jikkuntattja lil żewġ individwi li d-Direttur Ġenerali tal-Finanzi kien ipprovda l-indirizzi elettroniċi tagħhom, mingħajr ma tali talbiet ikollhom xi effett fuq din il-proċedura.

31. Fl-1 ta' Diċembru 2020, TC ikkontesta d-dikjarazzjonijiet li rċieva fis-27 ta' Novembru 2020. Barra minn hekk, huwa bagħat it-talbiet tiegħu għal dokumenti lill-individwi msemmija fil-komunikazzjoni.

32. Fit-8 ta' Jannar 2021, id-Direttur Ġenerali tal-Finanzi bagħat il-minuti tal-proċedura ta' konċiljazzjoni bil-Litwan lil TC, iżda ċaħadlu t-talba għall-aċċess għad-dokumenti l-oħra mitluba. Barra minn hekk, id-Direttur Ġenerali tal-Finanzi ta lil TC terminu ta' 15-il jum sabiex jissottometti osservazzjonijiet addizzjonali, li TC ssottometta fil-21 ta' Jannar 2021.

33. Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2021, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament qies li somma ta' EUR 78 838.21 kienet tħallset indebitament minn din l-istituzzjoni b'rabta mal-impjieg ta' A għall-perijodu mit-22 ta' Mejju 2015 sat-22 ta' Novembru 2016 u li din għandha tiġi rkuprata mingħand TC (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

34. Fil-31 ta' Marzu 2021, id-Direttur Ġenerali tal-Finanzi, fil-kwalità tiegħu ta' uffiċjal awtorizzanti b'delega, ħareġ in-nota ta' debitu Nru 7010000523, fejn ordna l-irkupru tas-somma ta' EUR 78 838.21 mingħand TC u talbu jħallas din is-somma sa mhux iktar tard mit-30 ta' Mejju 2021 (iktar 'il quddiem in-"nota ta' debitu"). Id-Direttur Ġenerali tal-Finanzi nnotifika lil TC bid-deċiżjoni kkontestata u bin-nota ta' debitu f'dik l-istess data.

B. It-talba għal annullament ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

35. B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Mejju 2021, TC ippreżenta rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u tan-nota ta' debitu.

1. Il-ħtieġa li t-tilwima tiġi aġġudikata parzjalment biss

36. Preliminarjament, mis-sentenza appellata[9] jirriżulta li, wara stħarriġ li sar fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Parlament ikkonstata li, f'Marzu 2016, huwa kien iddeċieda li jissospendi l-ħlas tar-remunerazzjonijiet u tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' A b'effett mill-1 ta' April 2016. Konsegwentement, fit-8 ta' Novembru 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament iddeċieda li jirtira *ab initio* d-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' ammont ta' EUR 28 083.67. Inħarġet nota ta' kreditu b'rabta ma' din id-deċiżjoni.

37. Għaldaqstant, fuq talba tal-Parlament u wara li semgħet l-osservazzjonijiet ta' TC, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikors ma kienx fadallu skop u li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar il-legalità tad-deċiżjoni inkwistjoni u tan-nota ta' debitu sal-punt deskritt iktar 'il fuq[10].

2. Il-kumplament tar-rikors għal annullament

38. Fir-rigward tal-kumplament tar-rikors għal annullament, TC, ir-rikorrent fl-ewwel istanza, invoka ħames motivi, li t-tieni wieħed minnhom, bħala l-uniku motiv rilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell[11], kien ibbażat fuq id-dritt għal smigħ, id-dritt ta' aċċess għall-fajl u l-obbligu li jingħataw ir-raġunijiet għad-deċiżjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 41(2) tal-Karta.

39. Fis-sentenza appellata, wara li fakkret ir-regoli dwar it-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż ta' assistenza parlamentari u l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament għal dan il-għan[12], il-Qorti Ġenerali osservat li l-Parlament kien ipprovda lil TC biss uħud mid-dokumenti mitluba minnu[13], jiġifieri (i) il-minuti bil-Litwan tal-proċedura ta' konċiljazzjoni bejnu u bejn A[14], u (ii) id-dokumenti relatati max-xoljiment tal-kuntratt ta' A[15].

9 Punti 27 u 28 tas-sentenza appellata.

10 Punti 32 u 36 sa 42, u punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata.

11 Il-motivi l-oħra kienu jirrigwardaw, essenzjalment, il-ksur tal-prinċipju ta' żmien raġonevoli stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta, żball ta' evalwazzjoni tal-provi pprovduti minn TC sabiex juru li A qeda dmirijietu bħala assistent parlamentari, u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tas-somma li għandha tiġi rkuprata.

12 Punti 45 sa 53 tas-sentenza appellata.

13 Punti 87 u 88 tas-sentenza appellata.

14 Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

15 Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40. Min-naħa l-oħra, it-talbiet relatati mal-kategoriji l-oħra ta' dokumenti ġew miċħuda permezz tal-ittra tat-8 ta' Jannar 2021 [16]. B'mod partikolari, dan ir-rifjut kien jikkonċerna (i) il-kopja tal-"posta elettronika kollha mill-2015, 2016 u 2019", imsemmija fil-posta elettronika ta' TC tat-22 ta' Settembru 2020, (ii) il-kopja tal-korrispondenza li TC kien skambja mar-rappreżentanti tal-Parlament dwar ix-xogħol ta' A, (iii) il-proċess sħiħ tal-kawża li tat lok għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140), u (iv) il-fajl personali ta' A fil-Parlament [17].

41. F'dan ir-rigward, fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li, meta Membru jintalab jittrażmetti lill-Parlament il-prova li assistent parlamentari akkreditat ħadem għalih jew għaliha fil-kuntest tal-mandat tiegħu jew tagħha, tali Membru jista', abbażi tad-dritt għal smigħ, jitlob lill-istituzzjoni kkonċernata sabiex tittrażmetti l-informazzjoni fil-pussess tagħha li tidher li hija rilevanti. F'dan il-kuntest, meta jirċievi talba bħal din, il-Parlament ma jistax jirrifjuta li jipprovdi l-informazzjoni mitluba mingħajr ma jikser id-dritt għal smigħ, sakemm ma jinvokax, insostenn ta' dan ir-rifjut, raġunijiet li jistgħu jitqiesu ġġustifikati fid-dawl, l-ewwel nett, taċ-ċirkustanzi tal-każ u, it-tieni nett, tar-regoli applikabbli.

42. Wara evalwazzjoni tal-fatti speċifiċi tal-kawża, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-motivi invokati mill-Parlament fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Jannar 2021, li permezz tagħha rrifjuta l-aċċess ta' TC għall-kategoriji ta' dokumenti msemmija fil-punt 40 iktar 'il fuq, ma kinux fondati jew suffiċjenti. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni xierqa għar-rifjut ta' trażmissjoni ta' dokumenti li, fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, setgħu jippermettu lil TC jeżerċita b'mod effettiv id-dritt tiegħu għal smigħ, ma setax jiġi eskluż li huwa kien ġie mċaħħad mill-opportunità li jiddefendi ruħu aħjar fil-proċedura ta' rkupru tas-somom imħallsa bħala spejjeż ta' assistenza parlamentari li nfetħet kontrih [18].

43. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tieni motiv, sa fejn kien ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ. Mingħajr ma eżaminat il-motivi u l-argumenti l-oħra mressqa minn TC, il-Qorti Ġenerali annullat ukoll id-deċiżjoni kkontestata u n-nota ta' debitu sa fejn kienu jikkonċernaw ir-remunerazzjoni, l-ispejjeż soċjali u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati mal-impjieg ta' A matul il-perijodu bejn it-22 ta' Mejju 2015 u l-31 ta' Marzu 2016, fir-rigward ta' ammont ta' EUR 50 754.54 [19].

IV. It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

44. Permezz tal-appell tiegħu, ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2023, il-Parlament jisħaq li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tiddeċiedi definittivament it-tilwima quddiem il-Qorti Ġenerali, billi tilqa' t-talbiet li għamel fl-ewwel istanza;

– tikkundanna lil TC għall-ispejjeż kemm tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

[16] Kuntrarjament għall-argumenti tal-Parlament, il-Qorti Ġenerali qieset li l-argumenti ta' TC relatati mal-ittra tat-8 ta' Jannar 2021 kienu ammissibbli. Ara l-punti 73 sa 80 tas-sentenza appellata.

[17] Ara l-punti 23, 25 u 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[18] Punti 130 u 131 tas-sentenza appellata.

[19] Punti 132 u 133, u l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata.

45. TC jargumenta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

46. Saret seduta fit-28 ta' Novembru 2024.

V. Analiżi

47. Insostenn tal-appell tiegħu, il-Parlament jinvoka ħames aggravji:

– l-ewwel aggravju huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tas-suġġett tal-kawża fl-ewwel istanza u tan-natura preparatorja tal-ittra tat-8 ta' Jannar 2021, il-ksur tad-dritt għal smigħ u n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza stabbilita dwar l-effetti ta' irregolarità fuq att proċedurali;

– it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji jikkonċernaw il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward, rispettivament, ta': (i) il-posta elettronika ta' TC tal-2015, 2016 u 2019 u l-korrispondenza skambjata mas-servizzi tal-Parlament dwar ix-xogħol ta' A; (ii) il-fajl personali ta' A, inkluż l-użu tal-badge ta' aċċess tiegħu għall-Parlament; u (iii) il-proċess sħiħ tal-kawża li tat lok għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140).

– il-ħames aggravju jirrigwarda l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li TC seta' jitlob, abbażi biss tad-dritt għal smigħ, it-trażmissjoni mill-Parlament ta' kull informazzjoni li tippermettilu jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

48. Sa fejn il-ħames aggravju huwa intiż sabiex jikkontesta l-portata rikonoxxuta mill-Qorti Ġenerali tad-dritt għal smigħ fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari mħallsa indebitament, ser nibda l-evalwazzjoni tiegħi billi neżamina dan il-motiv.

49. Hija tabilħaqq din il-portata li tikkostitwixxi l-premessa li fuqha l-Qorti Ġenerali sussegwentement ibbażat l-analiżi tagħha tal-legalità tar-rifjut tal-Parlament li jittrażmetti l-informazzjoni mitluba minn TC, li abbażi tagħha hija sussegwentement iġġustifikat l-evalwazzjoni tagħha.

50. Barra minn hekk, peress li l-ewwel aggravju jirrigwarda prinċipalment il-konsistenza tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali meta applikat din il-portata fil-kawża fl-ewwel istanza – b'mod partikolari, fir-rigward tal-assenza ta' analiżi tar-rilevanza tal-informazzjoni mitluba għad-difiża ta' TC –, ser ngħaqqad l-analiżi ta' dan l-aggravju ma' dik tal-ħames aggravju.

51. Fl-aħħar, huwa importanti li jiġi rrilevat li, jekk l-evalwazzjoni tal-ewwel u l-ħames aggravju tal-Parlament twassal għall-konklużjoni li dawk l-aggravji huma fondati, allura, bħala prinċipju, ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-aggravji l-oħra tal-appell. Għalhekk, l-evalwazzjoni tiegħi tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' aggravju tkun sussidjarja.

A. L-ewwel u l-ħames aggravju tal-appell

52. Permezz tal-ewwel u tal-ħames aggravju tiegħu, il-Parlament essenzjalment jikkontesta l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata.

53. B'mod partikolari, il-Parlament isostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, mingħajr ma ressqet raġunament speċifiku, li d-dritt għal smigħ taħt l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jippermetti lil Membru Parlamentari li jitlob mingħand l-istituzzjonijiet tal-Unjoni komunikazzjoni ta' kwalunkwe element li jidher li huwa rilevanti għall-iskop li jintwera l-użu xieraq tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari. Skont il-Parlament, tali dritt ma għandu ebda bażi fil-kliem ta' din id-dispożizzjoni jew fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni. Il-Parlament josserva wkoll li d-dritt ta' aċċess għall-fajl previst fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta diġà jistabbilixxi l-mezzi li jippermettu lill-persuna kkonċernata tikseb aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha permezz ta' proċedura amministrattiva. Ma hemm l-ebda lakuna bejn id-dritt għal smigħ u d-dritt ta' aċċess għall-fajl li teħtieġ timtela b'mezzi interpretattivi. Fl-aħħar nett, il-Parlament jikkritika lill-Qorti Ġenerali li applikat il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal smigħ kif iddefinit fis-sentenza appellata b'mod inkonsistenti, b'mod partikolari billi naqset milli tiddetermina, fil-bidu tal-evalwazzjoni tagħha, jekk il-kategoriji ta' dokumenti mitluba minn TC kinux jidhru rilevanti għalih fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru.

54. TC jikkontesta l-argumenti tal-Parlament. Huwa jinnota li l-Parlament ma kkontestax id-dritt tiegħu li jikseb informazzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru, la fl-ittra tat-8 ta' Jannar 2021 u lanqas matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Għalhekk, skont TC, permezz tal-ħames aggravju, il-Parlament qiegħed jiġġustifika r-rifjut tiegħu li jipprovdilu din l-informazzjoni abbażi ta' argumenti ġodda, li dwarhom il-Qorti Ġenerali ma kellhiex l-opportunità li tiddeċiedi u li, għalhekk, għandhom jiġu ddikjarat inammissibbli. TC jsostni wkoll li d-dritt li jirċievi informazzjoni mill-Parlament fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru huwa parti mid-dritt ġenerali għal amministrazzjoni tajba minqux fl-Artikolu 41 tal-Karta, li l-Parlament kien naqas milli jikkonforma miegħu.

55. L-Artikolu 41(1) tal-Karta, intitolat "Id-dritt għal amministrazzjoni tajba", jipprovdi li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. L-Artikolu 41(2) jipprovdi wkoll li dan id-dritt jinkludi (a) id-dritt ta' kull persuna li tinstema', qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament, u (b) id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl li jikkonċernaha, filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju.

56. Fir-rigward tad-dritt għal smigħ, mill-kliem tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jirriżulta li dan id-dritt jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha [20]. Dan japplika anki meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix espressament tali rekwiżit proċedurali [21] u l-għan ewlieni tagħha, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa li tippermetti lill-persuna kkonċernata tipprovdi informazzjoni li targumenta li deċiżjoni amministrattiva tittieħed jew li ma titteħidx, jew li jkollha kontenut speċifiku [22]. Hija tippermetti wkoll li l-awtorità kompetenti tkun f'pożizzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha meta tadotta d-deċiżjoni li ttemm proċedura quddiem l-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea [23].

[20] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024, Agentsia 'Patna infrastruktura' (Finanzjament Ewropew tal-infrastruttura tat-toroq) (C-471/22, EU:C:2024:99, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[21] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, MG vs EIB (C-173/22 P, EU:C:2023:932, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[22] Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, C (Amministraturi u stralċjarji ġudizzjarji) (C-696/22, EU:C:2024:499, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tat-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP (C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 76).

[23] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2024, C (Amministraturi u stralċjarji ġudizzjarji) (C-696/22, EU:C:2024:499, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta jipprevedi dritt ta' aċċess għall-fajl li huwa assoċjat mad-dritt ta' persuna li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-amministrazzjoni [24]. Dan jikkonċerna lil persuni suġġetti għal proċeduri miftuħa kontrihom u jimplika li l-istituzzjoni inkwistjoni għandha tagħti lill-persuna kkonċernata l-opportunità li teżamina d-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl ta' investigazzjoni li x'aktarx ikunu rilevanti għad-difiża tagħha, li tiffaċilita l-fehim tal-bażi evidenzjarja li fuqha għandha tittieħed id-deċiżjoni. L-aċċess għall-fajl għandu jipprovdi wkoll lil tali persuni l-possibbiltà li jkunu jafu r-raġunament wara dawn il-proċeduri, u b'hekk ipoġġihom f'pożizzjoni aħjar sabiex jiżviluppaw argumenti kuntrarji meta jeżerċitaw id-dritt għas-smigħ [25].

58. Skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, kemm id-dritt għal smigħ kif ukoll id-dritt ta' aċċess għall-fajl huma l-korollarju tad-dritt fundamentali tad-difiża fi proċeduri amministrattivi, li huwa parti integrali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [26].

59. F'din il-kawża, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, biex tiċħad l-argument ippreżentat minn TC li jsostni li, peress li l-Parlament ma kkontestax quddiem il-Qorti Ġenerali d-dritt tiegħu li jikseb informazzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru, il-ħames aggravju tal-appell għandu jitqies inammissibbli. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li l-kwistjoni prinċipali eżaminata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata kienet jekk TC setax jallega li l-Parlament kien irrifjuta bi żball li jittrażmetti l-informazzjoni mitluba minnu matul il-proċedura mwettqa skont l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut. Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali ddefiniet, l-ewwel u qabel kollox, il-kriterju ġuridiku għall-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Parlament. Għalhekk, il-Parlament jista', fil-kuntest ta' dan l-appell, jikkontesta dan il-kriterju u, konsegwentement, jargumenta li din is-sentenza hija vvizzjata bi żball ta' liġi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina f'dan il-każ.

60. Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tas-sentenza appellata, li tirrikonoxxi l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti għall-Membri Parlamentari fil-kuntest tal-proċeduri ta' rkupru, hija bbażata fuq id-dritt għal smigħ, kif previst fl-Artikolu 41(2) tal-Karta. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-punti 131 u 132 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali laqgħet il-motiv imressaq mir-rikorrent fl-ewwel istanza "sa fejn huwa bbażat fuq ksur [ta' dan id-dritt]".

61. Minn din il-perspettiva, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tiġi kkritikata, kif sostna l-Parlament, li ħolqot "dritt ġdid ta' aċċess għall-informazzjoni". Tabilħaqq, ir-raġunament li fuqha hija bbażata l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali huwa li, fl-assenza ta' trażmissjoni tal-informazzjoni mitluba li, fil-fehma ta' dik il-qorti, setgħet tippermettilu jeżerċita b'mod effettiv id-dritt tiegħu għal smigħ, ma jistax jiġi eskluż li l-Membru Parlamentari ġie mċaħħad mill-opportunità li jiddefendi ruħu aħjar. Dan ir-raġunament huwa konformi mal-mod li bih il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat id-dritt għal smigħ fil-ġurisprudenza tagħha bħala parti mid-dritt iktar ġenerali tad-difiża fi proċeduri amministrattivi. Dan l-argument tal-Parlament għandu għalhekk jiġi miċħud.

[24] Ara s-sentenza tat-22 ta' Marzu 2023, Satabank vs BĊE (T-72/20, EU:T:2023:149, punt 80), li tistabbilixxi linja ta' ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tadotta faċilment.

[25] Peers, S., Hervey, T., Kenner, J. u Ward, A., 'Article 41' *The EU Charter of Fundamental Rights: A Commentary*, Hart Publishing, Oxford, 2021, p. 1125-1152.

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Diċembru 2017, Prequ' Italia (C-276/16, EU:C:2017:1010, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-30 ta' Novembru 2023, Sistem ecologica vs Il-Kummissjoni (C-787/22 P, EU:C:2023:940, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62. Madankollu, il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk id-dritt għal smigħ, kif iggarantit mill-Artikolu 41(2) tal-Karta, jobbligax lill-Parlament jittrażmetti *kwalunkwe u kull* informazzjoni mitluba minn wieħed mill-Membri tiegħu li tidher li tkun rilevanti fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari mħallsa indebitament, sakemm ma jkollux ġustifikazzjoni xierqa.

63. Preliminarjament, ninnota li, kif jirriżulta mill-punti 56 u 57 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dritt għal smigħ jippermetti lil persuna li tressaq il-fehmiet tagħha dwar il-kontenut tad-deċiżjoni li l-amministrazzjoni tal-Unjoni tipprevedi li tadotta fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva. Din il-fehma tista' saħansitra tikkonsisti fil-proposta li ma tiġix adottata d-deċiżjoni inkwistjoni. Fi kwalunkwe wieħed minn dawn ix-xenarji, l-opinjoni espressa mill-persuna kkonċernata ma għandhiex tkun ibbażata fuq elementi astratti, iżda fuq id-dokumenti speċifiċi li jinsabu fil-fajl relatat ma' din il-proċedura [27]. Għalhekk, kunċettwalment, id-dritt għal smigħ u d-dritt ta' aċċess għall-fajl huma interkonnessi mill-qrib ħafna, punt sostnut mill-iskema tal-Artikolu 41(2) tal-Karta u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta din id-dispożizzjoni.

64. Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal smigħ, għandu jingħata aċċess għad-dokumenti miġbura matul l-istadji differenti tal-proċedura amministrattiva u mqiegħda fil-proċess [28]. Ksur tad-dritt għal smigħ jista' għalhekk jiġi stabbilit biss meta jiġi rrifjutat l-aċċess għad-dokumenti li jinsabu f'dan il-fajl, sakemm, ovvjament, jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju, kif meħtieġ mill-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta.

65. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi osservat li l-mod kif il-fajl ta' proċedura amministrattiva jiġi interpretat jiddependi mill-oneru tal-prova li japplika speċifikament għal din il-proċedura. Pereżempju, fil-kuntest ta' proċedura ta' penali amministrattiva, il-fajl se jkun magħmul bażikament mill-elementi li skattaw tali proċedura u d-dokumenti miġbura mill-awtorità kompetenti wara l-investigazzjoni mwettqa minnha, peress li hija dik l-awtorità li ġġorr il-piż li tipprova l-eżistenza ta' ksur fid-deċiżjoni finali tagħha [29]. Bħala regola, l-aċċess għall-fajl jinkludi aċċess kemm għall-evidenza inkriminanti kif ukoll skaġunanti [30].

66. Min-naħa l-oħra, il-proċeduri ta' rkupru skont l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut jixħtu l-oneru tal-prova fuq il-Membri Parlamentari. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ġiet ġustament ikkwotata fil-punt 53 tas-sentenza appellata, huma l-Membri li jitolbu lill-Parlament jassumi responsabbiltà finanzjarja għall-ispejjeż relatati mal-assistenza ta' staff personali li għandhom jipprovaw li dawn l-ispejjeż ġew effettivament sostnuti, li jikkorrispondu għall-assistenza neċessarja u kienu marbuta b'mod dirett mal-eżerċizzju tal-mandat [31]. B'mod iktar speċifiku, tali Membru għandu, b'risposta għal talba

[27] Fejn norma speċifika hekk tipprovdi, id-dritt għal smigħ jikkonċerna wkoll id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet innotifikata mill-amministrazzjoni, kif inhu l-każ, pereżempju, fi proċeduri tad-dritt tal-kompetizzjoni. Ara l-Artikolu 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

[28] Kif diskuss hawn taħt, dan jista' eventwalment jeħtieġ ċertu involviment mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, fil-każ preżenti l-Parlament.

[29] Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Servier *et* vs Il-Kummissjoni (C-201/19 P, EU:C:2024:552, punt 126).

[30] Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Solvay vs Il-Kummissjoni (C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[31] Ara d-digrieti tal-21 ta' Marzu 2019, Gollnisch vs Il-Parlament (C-330/18 P, EU:C:2019:240, punt 63), u tat-28 ta' Novembru 2018, Le Pen vs Il-Parlament (C-303/18 P, EU:C:2018:962, punt 63).

f'dan is-sens tal-awtorità kompetenti tal-Parlament, jippreżenta l-provi kollha li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu, li jistgħu juru li x-xogħol tal-assistent tiegħu effettivament twettaq, kif ukoll ir-rabta bejn dan ix-xogħol u l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu [32].

67. Għaldaqstant, kif ikkonferma l-Parlament waqt is-seduta, mingħajr kontestazzjoni mir-rikorrent fl-ewwel istanza, il-fajl amministrattiv dwar proċedura ta' rkupru ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari jkun magħmul, minbarra l-elementi li jiskattaw il-proċedura, prinċipalment mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Membru kkonċernat u mill-provi prodotti minn tali Membru. Għandu jkun fih ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li fuqha l-Parlament jibbaża, fuq inizjattiva tiegħu stess, id-deċiżjoni finali tiegħu. Fl-ewwel każ, peress li l-Membru Parlamentari huwa s-sors ta' dik id-dokumentazzjoni, huwa neċessarjament ikollu aċċess għaliha. Fit-tieni każ, il-Parlament ikollu jqiegħed tali dokument fil-fajl, suġġett għal-limitazzjonijiet ta' kunfidenzjalità u ta' segretezza tan-negozju previsti fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta. Għandu jitfakkar li l-ebda prova inkwistjoni f'din il-kawża ma kienet tikkonċerna l-ebda waħda minn dawn il-kategoriji ta' dokumenti.

68. Naturalment, teżisti kategorija addizzjonali ta' dokumenti li Membru Parlamentari jista' jeħtieġ li jiġu inkorporati fil-fajl, li hija l-kategorija li dwarha hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kawża. Din hija l-evidenza li Membru Parlamentari jista' jkollu bżonn sabiex juri li x-xogħol tal-assistent parlamentari tiegħu effettivament twettaq, kif ukoll ir-rabta bejn dan ix-xogħol u l-eżerċizzju tal-mandat tiegħu, iżda li tibqa' fil-pussess tal-Parlament jew ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni.

69. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi rrilevat mill-bidu li, anki f'sitwazzjoni bħal din, il-Membru Parlamentari jibqa' suġġett, abbażi tal-oneru tal-prova li jaqa' fuqu, għall-obbligu li jiġġustifika l-ispejjeż tal-assistenza parlamentari mġarrba. Dan ifisser li tali Membru xorta jeħtieġ, fuq talba tal-Parlament, jispjega d-diversi kompiti mwettqa mill-assistent tiegħu fit-twettiq tad-dmirijiet parlamentari tiegħu. Madankollu, dan il-Membru jista' jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu b'riferiment għall-evidenza fil-pussess tal-Parlament jew l-evidenza li dik l-istituzzjoni tista' titlob mingħand istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni.

70. Ir-rekwiżit prinċipali għal dan il-għan huwa li l-Membru Parlamentari jindika, bi preċiżjoni suffiċjenti, il-provi speċifiċi msemmija u kif dawn il-provi jistgħu juru li l-ispejjeż sostnuti mill-assistent parlamentari kienu effettivament użati għall-assistenza tiegħu u kienu direttament marbuta mal-eżerċizzju tal-mandat tiegħu. Dan ir-rekwiżit ma jiġix issodisfatt meta l-Membru sempliċement isostni li l-provi rilevanti jinsabu f'kategoriji wesgħin u ġenerali ta' dokumenti, pereżempju, fil-posta elettronika kollha prodotta għal ċertu perijodu ta' snin jew fil-fajl personali kollu tal-assistent ikkonċernat mingħajr iktar speċifikazzjoni.

71. Min-naħa tagħha, kif irrikonoxxa l-Parlament waqt is-seduta, din l-istituzzjoni għandha tqiegħed dawn il-provi fil-fajl, filwaqt li taġixxi b'mod imparzjali u ġust skont id-dmirijiet tagħha taħt il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba [33]. Mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 41(2) tal-Karta, hija għandha tipprovdi wkoll aċċess għaliha, b'mod partikolari meta,

[32] Ara d-digrieti tal-21 ta' Marzu 2019, Gollnisch vs Il-Parlament (C-330/18 P, EU:C:2019:240, punti 64 u 88), u tal-21 ta' Mejju 2019, Le Pen vs Il-Parlament (C-525/18 P, EU:C:2019:435, punti 37 u 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[33] Ara l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 57 iktar 'il fuq.

wara l-evalwazzjoni tiegħu, il-Parlament jikkonkludi li l-provi msemmija mill-Membru ma jurux li x-xogħol tal-assistent parlamentari tiegħu effettivament twettaq, jew ir-rabta bejn dan ix-xogħol mal-eżerċizzju tal-mandat tiegħu [34].

72. Fir-rigward tal-kawża preżenti, ninnota li l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata ma tikkorrispondix mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 41(2) tal-Karta li nipproponi fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri ta' rkupru mibdija taħt l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut. Fil-fehma tiegħi, din il-qorti wessgħet b'mod żbaljat il-portata tad-dritt għal smigħ mingħajr ma qieset b'mod xieraq l-oneru tal-prova mġarrab mill-Membri Parlamentari fil-kuntest ta' dan it-tip ta' proċedura. Tabilħaqq, hija obbligat lill-Parlament, mingħajr bażi xierqa, li jipprovdi lill-Membru kkonċernat b'din il-proċedura kwalunkwe u kull informazzjoni li kienet tidher rilevanti għall-formulazzjoni tal-osservazzjonijiet tiegħu, sakemm il-Parlament ma jirnexxilux jinvoka raġunijiet li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' trażmissjoni.

73. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena tal-fehma li l-Parlament huwa korrett meta jsostni li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin l-Artikolu 41(2) tal-Karta u li, fl-evalwazzjoni li saret fl-ewwel istanza, din il-qorti kellha minflok tanalizza, fl-ewwel lok, jekk, sabiex jaqdi l-oneru tal-prova tiegħu fil-proċedura ta' rkupru miftuħa kontrih, TC kienx talab aċċess għal provi identifikati minnu b'dettall suffiċjenti u mhux għal kategoriji wesgħin ta' dokumenti. Fl-affermattiv, il-Qorti Ġenerali kellha mbagħad teżamina speċifikament l-evalwazzjoni magħmula mill-Parlament dwar jekk dawn il-provi kinux kapaċi juru li l-ispejjeż sostnuti minn TC ntużaw għall-assistent tiegħu u kienu direttament marbuta mal-eżerċizzju tal-mandat tiegħu. Sa fejn il-Qorti Ġenerali ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha b'dan il-mod, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi.

74. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-ewwel u l-ħames aggravji għandhom jiġu milqugħa.

75. F'dan l-istadju, huwa importanti li jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali jekk l-appell ikun fondat sew. Fejn il-proċeduri jkunu jippermettu, hija stess tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża. Hija tista' wkoll tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

76. Peress li nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ewwel u l-ħames aggravji mressqa mill-Parlament, il-punti (2) u (3) tad-dispożittiv tas-sentenza appellata għandhom, konsegwentement, jiġu annullati [35], mingħajr il-ħtieġa li jiġu eżaminati t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appell.

77. Tabilħaqq, sa fejn dawn l-aħħar motivi għandhom l-għan li jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali tat-talbiet għal informazzjoni ta' TC u din l-evalwazzjoni hija bbażata fuq il-premessa żbaljata esposta fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata, l-analiżi konsegwenti magħmula mill-Qorti Ġenerali hija wkoll ivvizzjata.

[34] Fil-fehma tiegħi, anki meta l-evalwazzjoni tal-Parlament issostni l-allegazzjonijiet tal-Membru, dawn il-provi għandhom jitqiegħdu fil-fajl, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li dan tal-aħħar ikun jeħtieġ li jiġi pprovdut lill-qrati tal-Unjoni fil-każ li d-deċiżjoni finali tal-Parlament tiġi kkontestata fi proċeduri ġudizzjarji u dik l-informazzjoni tista' ssir rilevanti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.

[35] Il-punt (1) tad-dispożittiv tas-sentenza appellata ma għandux jintlaqat mill-annullament, peress li fih ġie ddikjarat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors għal annullament sa fejn dan kien dirett kontra d-deċiżjoni kkontestata u n-nota ta' debitu għall-perijodu bejn l-1 ta' April u t-22 ta' Novembru 2016, li l-Parlament ma jikkontestax.

78. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kategoriji wesgħin ta' dokumenti li għalihom TC talab aċċess, dawn it-talbiet ma kinux jissodisfaw, fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżit ta' speċifiċità li jippermettilhom li jitqiegħdu fil-fajl, kif diskuss fil-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk nissuġġerixxi li, f'dan l-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni motiv imressaq fl-ewwel istanza bħala infondat.

79. Fl-aħħar, peress li, insostenn tar-rikors għal annullament tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrent fl-ewwel istanza invoka tliet motivi addizzjonali li ma ġewx eżaminati fl-ewwel istanza, l-istat tal-kawża ma jippermettix lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi definittivament fuq dawn il-motivi f'din il-kawża. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-kawża għandha tiġi rrinvijata lura quddiem il-Qorti Ġenerali sa fejn dawn il-motivi u l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

B. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appell

80. Għalkemm il-merti tal-ewwel u tal-ħames aggravju huma biżżejjed fihom infushom sabiex jiġġustifikaw l-annullament tas-sentenza appellata, ser naqsam fil-qosor l-opinjoni tiegħi fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' motivi mressqa mill-Parlament, peress li huma jikkostitwixxu raġunijiet addizzjonali li jwasslu, fil-fehma tiegħi, għall-istess konklużjoni.

81. Għal dan il-għan, ninnota li, permezz ta' dawn it-tliet aggravji, il-Parlament jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar ir-rifjut li tiġi żvelata kull kategorija ta' informazzjoni mitluba minn TC matul il-proċedura ta' rkupru, jiġifieri: (i) il-posta elettronika kollha tiegħu għall-2015, 2016 u 2019; (ii) il-korrispondenza skambjata minnu mas-servizzi tal-Parlament dwar ix-xogħol ta' A; (iii) il-fajl personali ta' A, inklużi r-rekords dwar il-badge ta' aċċess ta' A għall-Parlament; u (iv) il-proċess tal-kawża li tat lok għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140). Peress li wħud minn dawn il-kategoriji kienu suġġetti għall-istess raġunament mill-Qorti Ġenerali, ser neżamina l-fondatezza ta' dan ir-raġunament billi niġbor dawn il-kategoriji flimkien u billi nfakkar, mill-bidu, il-konstatazzjonijiet ta' din il-qorti fis-sentenza appellata.

1. "Il-posta elettronika kollha", il-korrispondenza skambjata u r-rekords dwar il-badge ta' aċċess ta' A

82. Fir-rigward tar-rifjut li jiġu żvelati "il-posta elettronika kollha mill-2015, 2016 u 2019" u l-korrispondenza skambjata dwar ix-xogħol ta' A, il-Qorti Ġenerali osservat fis-sentenza appellata li l-Parlament kien irrifjuta t-talba ta' TC prinċipalment għar-raġuni li, skont il-politika tiegħu, iż-żamma tal-messaġġi elettroniċi kienet limitata għal 90 jum u, eċċezzjonalment, għal sena [36]. Il-Qorti Ġenerali sabet ukoll li l-Parlament kien informa lil TC li l-interventi tal-uffiċjali tas-sigurtà ma ġewx irreġistrati uffiċjalment u li data relatata mal-badges tal-aċċess inżammet għal perijodu massimu ta' erba' xhur [37].

83. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali essenzjalment irrilevat li, sa mill-bidu tas-sena 2016, il-Parlament kien jaf b'sitwazzjoni kunfliġġenti bejn TC u A dwar jekk dan tal-aħħar eżerċitax jew le l-attivitajiet tiegħu skont ir-regoli dwar l-assistenza parlamentari. Konsegwentement, minn dan il-mument 'il quddiem, il-Parlament kien meħtieġ jiżgura l-konservazzjoni tal-posta elettronika li setgħet tistabbilixxi n-natura eżatta tal-attivitajiet ta' A matul l-iżvolġiment tal-proċedura ta'

[36] Punt 92 tas-sentenza appellata.

[37] Punt 106 tas-sentenza appellata.

tkeċċija [38], kif ukoll tad-data relatata mal-użu tal-karta ta' aċċess ta' A matul dan l-istess perijodu [39]. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argument tal-Parlament li jgħid li kienu l-Membri li kellhom iżommu l-posta elettronika tagħhom, billi joħolqu fajls personali li jippermettu l-arkivjar tagħhom għal perijodu indefinit [40].

84. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali ma għandux jiġi aċċettat, prinċipalment għar-raġunijiet li ġejjin.

85. Qabel kollox, fil-fehma tiegħi, il-Parlament huwa korrett meta jsostni li r-raġunijiet invokati mill-Qorti Ġenerali jistgħu jiksru l-prinċipju tal-mandat ħieles tal-Membri, stabbilit fl-Artikolu 6(1) tal-Att Elettorali u fl-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri. Dan il-prinċipju, li jikkostitwixxi waħda mill-bażijiet ċentrali tal-indipendenza tal-Membri tal-Parlament, jipprekludi kull intrużjoni *inter alia* mis-servizzi tal-Parlament fl-isfera protetta ta' dawn il-Membri.

86. Madankollu, l-obbligu stabbilit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata jwassal manifestament lill-Parlament sabiex jindaħal fir-relazzjonijiet bejn Membru u l-assistent tiegħu. Wara kollox, sabiex jissodisfa dan l-obbligu, il-Parlament ikollu jeżamina l-korrispondenza skambjata bejniethom, bħala pass neċessarju fl-evalwazzjoni tal-provi li eventwalment jistgħu jintużaw minn dan il-Membru fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru. Kunsiderazzjoni simili tapplika għall-obbligu l-ieħor impost mill-Qorti Ġenerali fuq il-Parlament, jiġifieri l-obbligu li jiġu adottati l-miżuri neċessarji għall-konservazzjoni ta' data relatata mal-użu ta' badge ta' aċċess ta' assistent.

87. Huwa minnu, kif isostni TC, li l-posta elettronika kollha skambjata minn Membru Parlamentari hija ospitata fuq is-servers ta' din l-istituzzjoni. Madankollu, minn perspettiva legali, din ma tappartjenix lill-istituzzjoni, iżda lill-Membru Parlamentari, li għandu jiġi protett minn kull interferenza mis-servizzi tal-Parlament. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jitfakkar, f'konformità mal-argumentazzjoni tal-Parlament, li l-Artikolu 4 tal-Istatut tal-Membri jipprovdi mingħajr ambigwità li d-dokumenti u r-rekords elettroniċi li Membru jkun irċieva, ħejja jew bagħat ma għandhomx jitqiesu bħala dokumenti tal-Parlament, ħlief jekk jiġu ppreżentati skont ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

88. Barra minn hekk, fuq nota differenti, fil-fehma tiegħu huwa ċar ukoll li, peress li l-Membri Parlamentari għandhom l-oneru tal-prova fir-rigward ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari mħallsa indebitament [41], huwa fl-interess ta' Membru Parlamentari li jżomm kull posta elettronika skambjata mal-assistent tiegħu jew mas-servizzi tal-Parlament, sabiex jużaha fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru. Kwalunkwe interpretazzjoni diversa tqiegħed fid-dubju, kif tagħmel fil-fehma tiegħi s-sentenza appellata, il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li dan l-oneru tal-prova tabilħaqq jaqa' fuq dawn il-Membri.

89. Fl-aħħar, nirrileva li, anki jekk wieħed jassumi li d-dritt għal smigħ jista' jiġi interpretat bħala li jinkludi obbligu għall-Parlament li jiżvela kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba minn Membru dwar proċedura ta' rkupru, ma jistax jiġi dedott mid-drittijiet minquxa fl-Artikolu 41(2)(a) jew (b) tal-Karta li l-Parlament għandu l-obbligu li jikkompila fajl anki qabel il-ftuħ ta' dik il-proċedura.

[38] Punt 95 tas-sentenza appellata.

[39] Punti 123 u 124 tas-sentenza appellata.

[40] Punti 100 u 101 tas-sentenza appellata.

[41] Ara, b'mod partikolari, il-punt 66 ta' dawn il-konklużjonijiet, fejn hemm riferiment għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 53 tas-sentenza appellata.

90. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru, huwa l-Artikolu 68 tal-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut li jiddetermina l-ftuħ ta' din il-proċedura meta ċerti elementi jqajmu dubji fil-Parlament dwar l-użu xieraq ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari. Fir-rigward ta' dan il-każ, ma nbdiet ebda proċedura ta' rkupru mill-Parlament kontra TC sat-8 ta' Ġunju 2020, mument meta ma kienx iktar possibbli li tinżamm il-posta elettronika mitluba u fejn għalhekk ma setgħetx titqiegħed fil-fajl ta' dik il-proċedura.

91. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, irrispettivament minn jekk huwiex abbażi tal-prinċipju tal-mandat liberu, tal-prinċipju tal-oneru tal-prova jew tad-dritt stabbiliti fl-Artikolu 41(2)(a) jew (b) tal-Karta, il-Parlament għandu raġun isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li dik l-istituzzjoni kellha żżomm il-posta elettronika ta' TC mill-2015, 2016 u 2019, il-korrispondenza skambjata mas-servizzi parlamentari rilevanti dwar ix-xogħol ta' A u r-rekords dwar il-badge ta' aċċess ta' A.

2. Il-fajl personali ta' A u l-proċess tal-kawża li tat lok għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140)

92. Fir-rigward tal-fajl personali ta' A u tal-proċess tal-kawża li tat lok għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140), il-Qorti Ġenerali sostniet, essenzjalment, li l-Parlament kien iġġustifika r-rifjut li tiġi trażmessa din l-informazzjoni minħabba li dan kien imur kontra r-Regolament 2018/1725 u l-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal [42].

93. Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-Regolament 2018/1725, il-Qorti Ġenerali osservat li, peress li l-informazzjoni mitluba minn TC kellha tintuża fid-difiża tiegħu fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru miftuħa kontrih, ma setgħetx titqies li taqa' taħt l-ambitu tal-Artikolu 9(1)(a) jew (b) tar-Regolament 2018/1725 [43]. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut, iżda għandu jitqies b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jiġi bbilanċjat, għal dan il-għan, ma' drittijiet fundamentali oħra [44]. Għaldaqstant, il-Parlament kellu jibbilanċja, minn naħa, l-interess ta' A li d-data li tikkonċernah ma tgħaddix f'idejn terzi u, min-naħa l-oħra, l-interess ta' TC li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu b'mod utli u effettiv fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru li nfetħet kontrih [45].

94. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sa fejn huwa meħtieġ li TC jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ, il-kunfidenzjalità tad-dokumenti fil-fajl ta' A ma tistax tiġi invokata kontra TC, li, barra minn hekk, bħala s-superjur ġerarkiku ta' A, kien l-awtur ta' wħud mid-dokumenti kkonċernati [46]. Il-Qorti Ġenerali żiedet li, billi bbaża ruħu fuq l-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Parlament, b'mod żbaljat, ma ħax inkunsiderazzjoni l-interess ta' TC li jkollu aċċess għal ċertu dokumenti tal-fajl personali ta' A sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu b'mod utli fil-kuntest ta' proċedura ta' rkupru li nfetħet kontrih [47].

95. Għal darb'oħra, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat ħażin l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2018/1725 u l-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal.

[42] Punti 105 u 126 tas-sentenza appellata.

[43] Punti 110, 111 u 123 tas-sentenza appellata.

[44] Punti 114, 115 u 116 tas-sentenza appellata.

[45] Punt 117 tas-sentenza appellata.

[46] Punt 121 tas-sentenza appellata.

[47] Punt 122 tas-sentenza appellata.

96. Fir-rigward tar-raġunijiet relatati mar-Regolament 2018/1725, l-Artikolu 9(1) tiegħu jipprovdi li d-data personali għandha tiġi trażmessa lir-riċevituri stabbiliti fl-Unjoni, għajr l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, biss jekk: (a) ir-riċevitur jistabbilixxi li d-data hija neċessarja għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali mogħtija lir-riċevitur; jew (b) ir-riċevitur jistabbilixxi li huwa neċessarju li d-data tiġi trażmessa għal fini speċifiku fl-interess pubbliku u l-kontrollur, meta jkun hemm kwalunkwe raġuni sabiex wieħed jassumi li l-interessi leġittimi tas-suġġett tat-data jistgħu jiġu ppreġudikati, jistabbilixxi li huwa proporzjonat li tiġi trażmessa d-data personali għal dak il-fini speċifiku, wara li jkun qies b'mod dimostrabbli d-diversi interessi li jkunu f'kunflitt.

97. Wara d-diskussjonijiet li saru waqt is-seduta, jiena tal-fehma li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725 għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trażmissjoni lil Membru, fil-kuntest ta' proċeduri ta' rkupru ta' spejjeż ta' assistenza parlamentari, tad-data personali tal-assistent parlamentari akkreditat tiegħu tista' tabilħaqq isservi għal "fini speċifiku fl-interess pubbliku". F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi miċħud li huwa fl-interess pubbliku li tali spejjeż jiġu rrimborżati mill-Membru kkonċernat, jekk ikunu ġew sostnuti indebitament mill-Parlament. F'sitwazzjoni bħal din, hija wkoll, fil-fehma tiegħi, kwistjoni ta' interess pubbliku li l-proċedura ta' rkupru titmexxa b'osservanza tad-drittijiet tad-difiża, stabbiliti fl-Artikolu 41 tal-Karta.

98. Għalhekk, l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża ta' Membru li kontrih tkun infetħet proċedura ta' rkupru teħtieġ it-trażmissjoni lil dan il-Membru tad-data personali tal-assistent parlamentari akkreditat tiegħu li hija rilevanti għall-materji kkonċernati minn din il-proċedura u tistieden lil dan il-Membru jieħu pożizzjoni. Madankollu, il-komunikazzjoni ta' dik id-data tista' tiġi awtorizzata taħt l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725 biss f'konformità stretta mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni.

99. Dan premess, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti ma jistgħux jiġġustifikaw it-trażmissjoni ġenerali fuq talba tal-Membru kkonċernat, mingħajr ma dan jipprovdi preċiżjoni suffiċjenti tad-data personali tal-assistent tiegħu. Kif għidt fl-analiżi tiegħi tal-ewwel u tal-ħames aggravju, Membru li jkun iffaċċjat b'talba sabiex jiġġustifika l-ispejjeż ta' assistenza parlamentari mġarrba minnu jista', sabiex jissostanzja l-ispjegazzjonijiet tiegħu bi tweġiba għal tali talba, jinvoka evidenza li tkun fil-pussess tal-Parlament. Madankollu, dak il-Membru għandu jidentifika bil-quddiem il-provi speċifiċi msemmija u ma għandux sempliċiment jasserixxi, kif indikat fil-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-provi rilevanti jinsabu fil-fajl ikkonċernat bħala kategorija ġenerali ta' dokument.

100. Fil-kawża preżenti, huwa importanti li jiġi osservat li, minkejja l-kliem tal-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali stabbilixxa li jeżistu sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw it-trażmissjoni lil terzi ta' data personali miżmuma minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni. Sa fejn l-evalwazzjoni ta' dik il-qorti twettqet lil hinn mill-portata ta' dik id-dispożizzjoni, is-sentenza appellata hija vvizzjata bi żball ta' liġi fir-rigward tal-evalwazzjoni li tikkonċerna l-fajl personali ta' A u l-proċess tal-kawża li tat lok għas-sentenza fil-kawża L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140).

101. Fir-rigward tar-Regolamenti tal-Persunal, mis-sentenza appellata jirriżulta li TC kien talab lill-Parlament sabiex jittrażmettilu l-fajl personali ta' A fl-intier tiegħu. Il-Parlament irrifjuta li jikkonforma ma' din it-talba, peress li qies li tali żvelar huwa pprojbit mill-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal.

102. L-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi espressament li huwa biss l-uffiċjali li jista' jingħata aċċess għall-fajl personali tiegħu, bl-esklużjoni ta' terzi oħrajn. Barra minn hekk, il-fajl personali ta' uffiċjal jew ta' membru ieħor tal-persunal jista' jiġi kkonsultat biss "fl-uffiċċji ta' l-amministrazzjoni jew fuq medja elettronika żgura" u għandu jintbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss jekk titressaq kawża li tirrigwarda lil dak l-uffiċjal jew lil membru ieħor tal-persunal.

103. Għalhekk, il-Parlament kien korrett meta qies li l-limitazzjonijiet imposti mill-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal żammewh milli jaderixxi mat-talba mressqa minn TC.

104. Barra minn hekk, bi qbil mal-kunsiderazzjonijiet li jirriżultaw mill-punti 99 u 100 iktar 'il fuq, mis-sentenza appellata ma jirriżultax li, fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni, TC irrefera għad-dokumenti li jistgħu jiġu inklużi fil-fajl personali ta' A li setgħu juru li x-xogħol ta' A effettivament twettaq, u r-rabta bejn dan ix-xogħol u l-eżerċizzju tal-mandat ta' TC bħala Membru Parlamentari.

105. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprekludix it-trażmissjoni tal-fajl personali ta' A lil TC.

106. Fid-dawl tas-suespost, insib li l-Parlament għandu raġun meta jargumenta li l-evalwazzjoni speċifika tal-Qorti Ġenerali tar-rifjut ta' żvelar ta' kull kategorija ta' informazzjoni mitluba minn TC matul il-proċedura ta' rkupru – jiġifieri (i) il-posta elettronika kollha tiegħu għall-2015, 2016 u 2019; (ii) il-korrispondenza skambjata minnu mas-servizzi tal-Parlament fir-rigward tax-xogħol ta' A; (iii) il-fajl personali ta' A, inklużi r-rekords li jikkonċernaw il-badge ta' aċċess ta' A għall-Parlament; u (iv) il-fajl fil-kawża li wasslet għas-sentenza L vs Il-Parlament (T-59/17, EU:T:2019:140) – hija vvizjata bi żball ta' liġi.

107. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji għandhom għalhekk jiġu milqugħa.

VI. Konklużjonijiet

108. Fid-dawl tal-analiżi esposta f'dawn il-konklużjonijiet, u abbażi tal-proposta prinċipali tiegħi kif spjegata fil-punti 74 u 79 iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla l-punti 2 u 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2023, TC vs Il-Parlament (T-309/21, EU:T:2023:315);

– tiċħad it-tieni motiv fil-Kawża T-309/21;

– tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fir-rigward tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames motivi fil-Kawża T-309/21;

– tordna li l-ispejjeż jiġu rriżervati.